MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Numru 492/2006

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Peter Borg ta' 48 sena iben Vincent u Antonia nee Mayer mwieled Hamrun fil-25 ta' Frar 1958 u residenti Kong, Triq il-Kanonku Bonnici Hamrun, Id 192658M.**

**Akkuzat talli fil-25 ta' Novembru 2005 u fis-snin ta' qabel gewwa l-Hamrun u f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:**

**(a) appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih affarijiet li gew fdati lilu jew kkunsmati taht titlu li jgib mieghu obblligu tar-radd ta' l-affarijiet jew isir uzu minnhom specifikat minn Francis Magri u Joseph Cordina mill-Hamrun, u;**
**(b) billi appropja ruhu minn dawn l-affarijiet meta dawn gew fdati jew kkunsinjati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu**

**necessarju mill-imsemmija Francis Magri u Joseph Cordina.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali u l-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament. Semghet lill-imputat jammetti dawn l-imputazzjonijiet fis-seduta ta' llum 23 ta' April 2008, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin xieraq sabiex jerga' jahsibha. Semghet wkoll liz-zewg allegati vittmi jiddikjaraw li huma kunenti bl-arrangament illi lahqu ma' l-imputat. Stante illi kien hemm l-ammissjoni da parti ta' l-imputat, dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17H, 18, 293 u 294 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh b'dan pero li l-ewwel wahda hija assorbita fit-tieni imputazzjoni. Il-Qorti jidrilha illi wara li fliet il-fedina penali ta' l-imputat, flok ma tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien 16-il xahar millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------